*Art 845 tal-Kap 16*

*Preskrizzjoni Akkwizittiva*

*Legat*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Ottubru 2018**

**Kawza Numru : 15**
**Rikors Guramentat Numru : 716/2015/LSO**

**Carmen Abela**

**vs**

**Mario Galea u b' digriet tat-18 ta' April 2017 l-atti gew trasfuzi f' isem Maria Rosa Galea (ID413859M) *stante* l-mewt ta' Mario Galea fil-mori tal-kawza,**

**Paul Galea, Emanuel Galea, Joseph Galea, Anne Attard, Antoinette Scicluna, u Dr Patrick Valentino u l-PL Louisa Tufigno li b' digriet tat-18 ta' Awwissu 2015 gew appuntati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-imsefrin Victoria Muscat u John Mary sive Jimmy Galea, u b' nota tal-1 ta' Ottubru 2015 Anna Attard u Antoinette Galea assumew l-atti tal-kawza flok il-kuraturi, u b' digriet tat-22 ta' Ottubru 2015 l-inkarigu tal-kuraturi deputati gie revokat.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta' Carmen Abela (802146M) datat 27 ta' Lulju 2015 fejn bil-gurament taghha kkonfermat li taf personalment :-

Illi l-esponenti u l-konvenuti huma komproprjetarji flimkien u indivizament bejniethom tal-fond numru erbgha (4) (ga numru tlettax (13)), Triq Emmanuele Vitale, Rabat, Malta, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu, soggett ghar-rata ta' cens annwu u perpetwu ta' lira u hames soldi ekwivalenti

ghal zewg ewro u tmienja u tletin centezmu (€2.38), kwantu ghas-sehem ta' hamsa minn disa' partijiet indivizi (5/9) l-esponenti, u l-konvenuti ghal parti minn tmintax-il parti indiviza (1/18) kull wiehed u wahda minnhom.

Illi l-esponenti ma tridx tibqa' aktar fi stat ta' komunjoni mal-konvenuti fuq il-fond imsemmi.

Illi l-istess fond mhuwiex komodament divizibbli, u ghalhekk hemm lok li jigi licitat u l-prezz jinqasam bejn il-kontendenti, fl-ishma rispettivi taghhom kif fuq inghad.

Illi l-esponenti ppruvat kemm-il darba biex tasal bonarjament f'arrangament mal-konvenuti ghax-xoljiment ta' din il-komunjoni, pero' sal-lum baqghu ma ftehmux u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni ohra li tista' tirrizulta mehtiega, l-esponenti titlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi l-fond numru erbgha (4), Triq Emmanuele Vitale, Rabat, Malta, fuq imsemmi, mhux komodament divizibbli fil-kwoti rispettivi tal-kontendenti;

2. Konsegwentement tordna l-bejgh b'licitazzjoni tal-imsemmi fond, okkorrendo bi stima ta' perit nominat minnha ghal dan l-iskop u bl-ammissjoni ta' offerenti barranin;

3. Tordna li r-rikavat ta' dan il-bejgh jinqasam bejn l-istess kontendenti, kwantu ghal hames partijiet minn kull disgha (5/9) favur l-esponenti Carmen Abela u kwantu ghal parti wahda minn kull tmintax (1/18) -il parti indiviza favur kull wiehed u wahda mill-konvenuti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-22 ta' Ottubru 2015.

Rat ir-rikors ta' Carmen Abela datat 27 ta' Lulju 2015 a fol 7 tal-process fejn l-esponenti talbet bir-rispett li din il-Qorti joghgobha, prevja l-hrug tas-soliti bandi, tahtar kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-intimati Victoria Muscat u John Mary sive Jimmy Galea, assenti minn Malta, u dan ghall-finijiet tar-rikors guramentat fuq imsemmi u l-atti kollha relattivi u sussegwenti; u l-Qorti kif diversament presjeduta innominat lil Dr Patrick Valentino u lil Prokuratur Legali Louisa Tufigno bid-digriet moghti fit-18 ta' Awwissu 2015.

Rat ir-risposta tal-intimati Mario Galea f'ismu propriu u bhala kuratur ta' Emanuel Galea u Joseph Galea datata 25 ta' Awwissu 2015 (fol 20) fejn bil-gurament tieghu Mario Gaela kkonferma:

1. Illi preliminarjament ir-rikorrenti trid tipprova t-titolu taghha fuq sehemha mill-fond mertu ta' din l-istanza;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti jaqblu illi l-fond ma huwiex komodament divizibilli;

3. Illi l-esponenti jaqbel previa dak li fuq inghad, illi l-fond *de quo* ghandu jinbiegh in licitazzjoni b' dana izda li ma jissejhux oblaturi barranin.

4. Illi l-esponenti ma ghandhomx ibatu spejjes ta' dan il-gudizzju peress li qatt ma gew interpellati ghal dan il-ghan u dan ghar-raguni li l-esponenti Mario Galea ghadu sal-lum jiehu hsieb u kura ta' l-esponenti Emanuel Galea peress li r-rikorrenti abbandunatu *nonostante* r-rakkomandazzjoni tal-genituri taghha fit-testment fejn hallewlha nofs indiviz.

Rat ir-risposta guramentata ta' Paul Galea, Anne Attard u Antoinette Scicluna bl-ahhar tnejn f'isimhom proprio u kif ukoll bhal mandatarji tal-imsefrin Victoria Muscat u John Mary *sive* Jimmy Galea ghan-nom tal-istess u dan kif assumew permezz ta' nota ta' assunzjoni li qeghdin jipprezentaw kontestwalment mal-prezenti risposta guramentata datata l-1 ta' Ottubru 2015 fejn bil-qima wiegbu u bil-gurament tieghu Paul Galea kkonferma:

1. Illi l-esponenti ma jaqblux li r-rikavat ghandu jinqasam bil-mod kif qieghed jintalab fir-rikors promotur, peress li l-attrici naqset li titlob il-prelegat lilha mholli bis-sahha ta' testment maghmul fl-atti tan-Nutar John Gambin tat-2 ta' Lulju 1983 mill-genituri tal-kontedenti fi zmien ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni tal-istess u dan kif jiddisponi l-artikolu 845 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-attrici ma setghetx tipprocedi bl-azzjoni odjerna sa fejn jirrigwarda dik il-parti li tispetta lilha bis-sahha ta' legat lilha mholli kif fuq inghad, peress li qatt ma giet imessa fil-pussess tal-istess.

3. Illi *dato ma non concesso* li ma jintlaqghux l-eccezzonijiet fuq imsemmija, l-importanti hu, li l-ishma rispettivi tal-kontendenti jkun jirriflettu r-rieda tat-genituri taghhom skont testmenti minnhom maghmula kif ser ikun ipprovat fil-kors tal-kawza u li meta ssir il-licitazzjoni in kwistjoni jithallew barranin jaghmlu l-offerti sabiex jingieb l-ahjar prezz.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma l-Hamis, 22 ta' Ottubru 2015 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Toni Ablea ghall-uhud mill-konvenuti, uhud minnhom prezenti, u Dr Patrick Valentino ghal Mario Galea *pro et noe*., Mario Galea prezenti. Dehret l-attrici. Il-konvenuti li ghalihom gie appuntat kuratur assumew l-atti u qed jigu hawn rapprezentati mill-Avukat Dr Toni Abela. Ghalhekk il-Qorti irrevokat in-nomina tal-kuraturi deputati. Il-kawza giet differita sabiex l-attrici tirregola ruhha fuq l-eccezzjonijiet issollevati mill-konvenuti. Il-kawza giet differita ghad-19 ta' Novembru 2015 fid-9:30a.m.

Rat ir-rikors ta’ Carmen Abela pprezentat fl-10 ta’ April 2017 a fol 60 tal-process fejn l-esponenti talbet bir-rispett li din il-Qorti joghgobha, *ai termini* tal-artikolu 807 tal-Kap. 12, tordna li din il-kawza tghaddi fil-persuna ta' Maria Rosa Galea (413859M), minflok il-mejjet zewgha Mario Galea, konvenut f’ din il-kawza; u l-Qorti, bid-digriet taghha tat-18 ta’ April 2017 (fol 71) laqghet it-talba, u ordnat li l-atti jigu trasfuzi f’isem Maria Rosa Galea, u ordnat li jsiru l-annotazzjonijiet mehtiega.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma t-Tlieta, 16 ta’ Jannar 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Phyllis Aquilina ghall-attrici prezenti. Prezenti Dr Patrick Valentino u Dr Carlos Bugeja. Dr Aquilina talbet l-allegazzjoni tal-atti tal-kawza rikors Nru 3/2000/PL fl-ismijiet "Abela Carmen et vs Jospeh Galea et noe" li marret Dezerta fit-18 ta' Awwissu 2005 billi din hija rilevanti ghall-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ssollevata minn uhud mill-konvenuti fir-risposta a fol 22 tal-process. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat l-allegazzjoni tal-atti. Il-kawza giet differita sabiex jibdew isiru l-kontro-ezamijiet ghall-20 ta' Frar 2018 fil-11:30a.m.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma t-Tlieta, 29 ta' Mejju 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Phyllis Galea, ghall-attrici prezenti fl-Awla, Dr Franco Debono ghall-intimat Emanuel Galea, u Dr Carlos Bugeja ghall-intimati Paul Galea, Annie Attard u Antoinette Scicluna *pro et noe*.
Dr Patrick Valentino msejjah tliet darbiet ma deherx. Dr Galea ddikjara li ma kellux aktar provi dwar l-ewwel eccezzjoni. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni finali fuq l-ewwel

eccezzjoni ta' Dr Carlos Bugeja u Dr Phyllis Aquilina, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Ottubru 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija sentenza *in parte* fuq l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimati Paul Galea, Anne Attard u Antoinette Scicluna, din ta' l-ahhar *proprio* u ghan-nom tal-assenti Victoria Muscat u John Mary Galea, fejn qed jikkontendu li r-rikavat m'ghandux jinqasam bil-mod kif mitlub fir-rikors promotur *stante* li r-rikorrenti naqset li titlob il-prelegat imholli lilha b'testment tal-genituri datat 2 ta' Lulju 1983 u dan a tenur **tal-artikolu 845 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta.

### Fatti:

Jirrizulta li l-ahhar testment ta' Carmelo Galea datat 14 ta' Novembru 1987 fl-atti tan-Nutar Joseph Spiteri **Dok CA5,** halla lill-ahwa kollha partijiet f'dan il-kaz eredi f'ishma ugwali. Illi fl-ahhar testment ta' omm il-kontendenti Teresa Galea datat 2 ta' Lulju 1983 fl-atti tan-Nutar Dottor John Gambin **Dok CA8**, halliet lir-rikorrenti eredi universali taghha, salv il-prelegati mhollija minnha filwaqt li l-intimati kollha thallew il-legittima. Jirrizulta li Carmelo Galea miet fil-25 ta' Jannar 1988 kif jidher minn **Dok CA1**, u Teresa

Galea mietet fis-16 ta' Mejju 1991, Dok CA2. Jirrizulta li fl-2000 ir-rikorrenti kienet ipprezentat kaz quddiem it-Tribunal ghall-Qsim tal-Wirt sabiex jinqasam il-wirt tal-partijiet, fil-fatt dak il-kaz huwa anness mal-process odjern, izda r-rikorrenti stess kienet iddecidiet li twaqqaf il-kaz, konsegwentement il-kaz spicca dezert. Sussegwentement ir-rikorrenti qed tipprocedi b'dan il-kaz sabiex ma tibqax fi stat ta' koproprjeta` rigward il-fond numru erbgha (4) Triq Emmanuele Vitale Rabat, ma' hutha l-ohra, l-partijiet f'dan il-kaz.

**Provi:**

**Carmen Abela** xehdet permezz ta' affidavit (fol 31-32) u qalet li l-partijiet fil-kaz huma ahwa, u missierhom Carmelo Galea kien miet fil-25 ta' Jannar 1988 u ommhom Teresa Galea mietet fis-16 ta' Mejju 1991. Semmiet li l-ahhar testment ta' missierha hu datat 14 ta' Novembru 1987, Dok CA5, u skont ir-raba' artikolu ta' dak it-testment l-ahwa kollha thallew bhala eredi f'ishma ugwali. Illi skont l-ahhar testment ta' ommhom Teresa Galea datat 2 ta' Lulju 1983, halliet lil Carmen Abela eredi universali u lill-intimati l-ohra hallitilhom il-legittima. Spjegat li hi akkwistat nofs l-imsemmi fond mertu ta' dan il-kaz mill-wirt ta' ommha u wiehed minn disgha (1/9) parti indiviza mill-wirt ta' missierha b'hekk ghandha hamsa minn disgha partijiet u l-intimati kollha ghandhom parti minn tmintax (1/18) parti indiviza kull wiehed. Qalet li fil-fond kien hemm huha Mario, u peress li hi xtaqet li l-fond jinbiegh, offriet li tbieghlu sehemha izda huha ma kkoperax, u hi ma qalet xejn

peress li kien hemm huha Emmanuel dizabilitat ukoll fl-istess fond, izda wara xi rapporti qalet li huha Emanuel ittiehed id-Dar tal-Provvidenza.

F'affidavit ulterjuri qalet (fol 123-124) li peress li huhom Emmanuel kien dizabilitat, il-genituri kienu staqsew min kien lest jiehu hsiebu u hadd ma kien lest jaghmel dan, izda hi accettat u ta' dan l-inkarigu, l-genituri hallewlha nofs id-dar. Spjegat li hutha kienu jafu li kellha l-akbar sehem mid-dar u qatt ma qajmu ebda oggezzjoni fuq hekk, qabel gie pprezentat dan il-kaz. Semmiet li fl-2000 hi pprezentat kaz quddiem it-Tribunal ta' Arbitragg dwar qsim tal-Wirt biex jinqasam il-wirt, u hutha ma kienux oggezzjonaw tant li ma kkontestawx il-kaz, izda peress li kien ghad hemm huha Emmanuel joqghod fid-dar ghalhekk fl-2005 infurmat li ma xtaqitx tipprocedi b'dak il-kaz. Ziedet tghid li sussegwentement wara li huha Emmanuel ittiehed id-Dar tal-Provvidenza hi ma kellhiex ghalfejn tibqa' aktar f'komunjoni ma' hutha.

**Antoinette Scicluna** xehdet permezz ta' affidavit (fol 75) u qalet li l-ahwa kollha partijiet f'dan il-kaz trabbew u ghexu fl-imsemmija dar numru 4 Triq Emmanuele Vitale r-Rabat sa ma zzewgu. Spjegat li wara l-mewt ta' missierha, ommha baqghet tghix fid-dar sa ma mietet flimkien ma' huha Emanuel, u meta f'Mejju 1991 gie huha Mario mill-Amerka mar ighix hemm mal-familja tieghu flimkien ma' huhom Emanuel sa ma Emmanuel minhabba l-kundizzjoni tieghu intbaghat ighix id-Dar tal-Provvidenza. Qalet li wara

li miet huhom Mario fl-2016 martu Rose baqghet tghix fl-imsemmi fond mal-*partner* taghha.

In **kontro-ezami** (fol 126-128)[1] qalet li ma tiftakarx li r-rikorrenti semmiet li ghandha nofs mid-dar u qalet li ma tiftakarx li kienet saret kawza fl-2000, u lanqas tiftakar li kellhom lill-Avukat Martin Fenech u ma pprezentawx risposta, anzi qalet li qatt ma marret ghand avukat. Ikkonfermat li dak li thalla b'legat hekk inbiegh skont it-testment tal-genituri.

**Anne Attard** xehdet permezz ta' affidavit (fol 78) u qalet li l-imsemmi fond trabbew fih u wara l-mewt ta' missier ommha baqghet tghix f'dan il-fond, u wara l-mewt ta' ommha fl-1991, kien gie huha mill-Amerka u beda jghix hu hemmhekk ma' familtu ghall-habta tal-1992 u 1993 flimkien ma' huhom Emanuel. Semmiet li huhom Emanuel ftit tas-snin ilu ttiehed id-Dar tal-Provvidenza, u meta f'Ottubru 2016 huhom Mario li kien joqghod hemm miet, martu Rose baqghet tirrisjedi hemmhekk flimkien mal-*partner* taghha, u baqghet ma tathomx cavetta u ghalhekk, il-partijiet bhala komproprjetarji tal-fond ma jistghux jidhlu fil-fond.

In **kontro-ezami** qalet (fol 129-130)[2] li ma tiftakarx li kien hemm kawza qabel ghall-qsim tal-wirt. Qalet li qatt ma rceviet karti d-dar dwar dak il-kaz ghall-qsim tal-wirt u ma tiftakarx u ma tafx li qabbdu avukat. Mistoqsija sehemha huwiex kollox kif redatt fit-testment tal-genituri, u l-flus ta'

---

[1] Seduta tal-20 ta' Frar 2018.
[2] Seduta tal-20 ta' Frar 2018.

dak li nbiegh s'issa tqassam skont it-testmenti tal-genituri qalet li iva.

**<u>Dritt: - Eccezzjoni tal-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 845 tal-Kap 16.</u>**

Illi gie eccepit li r-rikavat m'ghandux jinqasam kif mitlub fir-rikors promotur *stante* r-rikorrenti naqset milli titlob il-prelegat imholli lilha permezz tat-testment datat 2 ta' Lulju 1983, fiz-zmien ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni tal-istess eredita` kif jiddisponi l-**artikolu 845 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta.

L-**artikolu 845 tal-Kap 16** jistipula li:

*"(1) L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew is-sehem riservat, sew fis-successjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk ab intestato, tispicca bl-gheluq ta' ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni."*

Illi l-gurisprudenza hija assodata fil-hsieb li t-terminu dedott fl-artikolu ccitat huwa wiehed ta' preskrizzjoni akkwizittiva u mhux ta' dekadenza.

Dwar l-**artikolu 845**, il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Edith Galea et vs Joseph Degiorgio et** (Cit. Nru. 1758/01/FS) deciza fit-18 ta' Mejju, 2005 kienet irreferiet ghas-sentenza fl-ismijiet **Stella Briffa et vs Caterina Scicluna et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Jannar 1954, fejn inghad illi:

*"Il-preskrizzjoni decennali li tolqot l-azzjoni maghrufa bhala "petitio hereditatis" biex jintalab wirt jew legat, jew sehem tal-beni li l-ligi taghti lit-tfal jew lill-konjugi, tant fis-successjoni testata, kemm f'dik intestata hija preskrizzjoni akkwizittiva*...... [3].

*Ghaldaqstant, barra mill-element passiv taz-zmien, hemm bzonn li jigi ppruvat ukoll l-element attiv tal-pussess. Dan il-pussess irid ikun mhux semplicement kazwali, izda jrid ikun pussess formali, jigifieri kapaci li jiggenera u jikkostitwixxi d-dritt tal-proprjeta`. Konsegwentement, dak il-pussess ghandu jkun reali, u mhux bizzejjed il-pussess "di diritto". Il-pussess ta' l-uzurpatur irid ikun ghalhekk, kontinwu, mhux interrott, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku, ghaz-zmien kollu li tghid il-ligi, kif ukoll "animo domini". Dan il-pussess ghandu jigi ppruvat b' mod infrangibbli, tant ghar-rigward tal-fatt tal-pussess fih innifsu, kemm ukoll tal-kwalitajiet jew karattri li jrid ikollu l-pussess; u din il-prova tinkombi lil min jallega l-preskrizzjoni*. "

Fil-kawza **Galea vs Degiorgio** l-Qorti kienet qalet:

*"Difatti l-pussess bhala fatt, mhux sufficjenti biex johloq id-dritt tal-proprjeta`, izda jrid ikun tali, fi kliem* ***Laurent*** *'che annunzi coi suoi caratteri che il possessore intende essere il-proprietario, e che agisce come tale'"*. (Diritto Civile Vol XXXII para. 274).

---

[3] Ara wkoll **Borg vs Zammit**, Appell Civili deciza fit-28 ta' Marzu 1995, **Angela Magro vs Angelo Magro et** (186/12/MC) deciza fit-2 ta' Ottubru 2012.

*Del resto*, kif jinnota **Baudry Lacantinerie**, "*tutte le condizioni enumerate nell' articolo 2229 tendono a denunciare al vero proprietario l'usurpazione che e stata commessa, ed a metterlo in grado di respingerla*". (Prescrizione para. 238).

Il-karattri fuq migjuba tal-pussess legittimu huma kwindi, kif jikkonkludi **Laurent**, "*una garanzia per la proprieta` contro l' usurpazione".*

F'dan is-sens hi l-interpretazzjoni li baqghet tinghata mill-gurisprudenza matul is-snin. Per ezempju fil-kawza **Borg et v Zammit** (Appell Civili 28/3/1995 Kollez. **Vol XXXIX.i.139**), iz-zmien mahsub fl-Artikolu 845 gie mfisser bhala wiehed preskrittiv u mhux ta' dekadenza, u ghandu minn zmien ta' preskrizzjoni akkwizittiva.[4]

[4] Ara ad ezempju fil-kawza **Elena Bonello vs Carmela Bruno Olivier et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Ottubru 1975 gie osservat: "Il-Qorti ta' l-Appell bis-sentenza taghha tat-8 ta' Ottubru 1924 fil-kawza "**Mallia Tabone vs Mallia Tabone et"**, qalet li dak l-artikolu tal-ligi jistabilixxi preskrizzjoni *sui generis* u mhux dekadenza, li dik il-preskrizzjoni hija akkwizittiva…..". F'sentenza fl-ismijiet **Luigi Pace Balzan ed altri vs Giovanni Pace Balzan ed altri** deciza mill-Prim'Awla fil-5 ta' Ottubru 1886 (Vol. XI.162) dwar dan il-provvediment jinghad li "*Che la prescrizione allegata in questo caso ha per iscopo lo acquisto di proprieta' di beni immobili e delle quote in questione, mediante l'allegato possesso per un decennio*" (ara wkoll **Giuseppe Ellul et vs Antonia Fenech et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Jannar 1957; **Stella Briffa et vs Caterina Scicluna et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Jannar 1948; **Pietru Grixti vs Caterina Mallia et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Ottubru 1995; **Albert Camilleri vs John Camilleri et deciza** mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 1995; **Rev. Patri Frangisku Azzopardi *nomine* vs Maria Hilda sive Hilda Cauchi** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Ottubru 2004). Fil-kawza **John Mallia *nomine* vs Elizabeth Mallia et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Jannar 1996, gie kkonfermat li l-Artikolu 845 jispecifika terminu ta' preskrizzjoni u jista' jkun hemm "…sospensjoni jew interruzzjoni tal-istess perjodu kontemplata f'parti ohra tal-ligi civili taghna".

Il-principju li fuqu huwa mibni l-imsemmi artikolu huwa dak li jwaqqaf kawzi ta' wirt jew sehem minn wirt kontra min, ghaz-zmien ta' ghaxar snin ikun zamm f' idejh bhala sid il-gid tal-wirt jew ta' dik il-parti li dwarha titmexxa kontrih l-azzjoni ereditarja.

Illi, madankollu u b'effett dirett tan-natura essenzjali tal-preskrizzjoni mahsuba f'dak l-Artikolu, inghad li persuna li ma zommx ghandha hwejjeg jew assi minn wirt bhala taghha, ma tistax tressaq favuriha l-preskrizzjoni ta' l-ghaxar snin tal-*petitio hereditatis* li dwarha jitkellem l-Artikolu taht ezami. Difatti fil-kawza **Josephine Borg et vs Joseph Bianco** deciza fis-27 ta' Gunju 2008 mill-Qorti ta' l-Appell rega' kkonferma l-principji fuq ribaditi u kompla *"Konsegwentement dak il-pussess ghandu jkun reali u mhux bizzejjed il-pussess di diritto"* (**Camilleri v. Camilleri**, deciza minn din il-Qorti fl-14 ta' Novembru 2000)."

Illi huwa stabbilit li biex tirnexxi l-eccezzjoni taht l-**Artikolu 845 tal-Kodici Civili** (bhalma huwa mehtieg f'kull kaz ta' eccezzjoni ta' preskrizzjoni akkwizittiva) irid jintwera li min ikun gie mfittex biex irodd il-haga mhollija b'wirt (x'aktarx, izda mhux bilfors, taht titolu partikolari) lill-parti attrici, irid ikun zamm pussess shih tal-haga mitluba daqs li kieku kienet tieghu (*animo domini*) ghaz-zmien kollu preskrittiv. (P.A. 19.5.1957 fil-kawza fl-ismijiet **Ellul Bonici vs Apap Bologna et noe** (Kollez. Vol: XLI.ii.1022).

Illi l-prova ta' dan il-pussess bhala wiehed mill-elementi indispensabbli tal-preskrizzjoni akkwizittiva, tinkombi lil

min jinvoka l-istess preskrizzjoni. Huwa mehtieg li tingieb prova fir-rigward ta' l-elementi necessarji rigwardanti l-pussess.

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi wkoll il-kawza **Joe D'Amico et vs David D'Amico**, P.A. (1254/02 JA) deciza fil-5 ta' Dicembru 2003, saret referenza ghall-kaz **Alberto Grixti vs Angela sive Giulia Ellul**, deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru 1939 fejn gie trattat is-suggett tal-preskrizzjoni decennali b'mod estensiv:

"*Hu indubitat li l-preskrizzjoni ….. fuq imsemmija hija fin-natura taghha akwizittiva ghaliex minhabba dak iz-zmien, il-possessur tal-eredita` jew tal-legat ikun akkwista d-dritt fuq l-eredita` jew fuq il-hwejjeg li jikkonponu l-legat u ghalhekk ikun jista' jirrespingi d-dritt ta' min jigi 'l quddiem li ghal dan id-disposizzjoni ghandha natura estintiva."*

"*Ghalhekk dan il-pussessur kellu jipposjedi b'pussess tajjeb li jista' jippreskrivi u skont l-artikolu (dak iz-zmien 1882 - illum 2118) mhux tajjeb ghal dan il-fini l-pussess tal-uzufruttwarju, ghaliex dan ikun qieghed jipposjedi mhux animo domini izda semplicement ghall-fini li jgawdi l-haga, jiehu l-frutti waqt il-hajja tieghu izda n-nuda proprjeta` tibqa' ghand haddiehor. Infatti, l-fondament ta' kull preskrizzjoni akwizittiva huwa dak li tevita l-kontestazzjonijiet peress li kull min ikun jipposjedi jkun mhux b'titolu prekarju (kif inhu deskritt fl-artikolu msemmi) izda titulo propietatis et domini, jibqa' jzomm din il-haga in bona sew in malafede, pero` dejjem bl-animu li qieghed jippossjedi titulo propietatis u*

*ghalhekk qed jaghmel att ta' dominju. Jekk dak l-istat ta' affarijiet baqa' jsehh ghaz-zmien li trid il-ligi u l-veru proprjetarju ma giex 'il quddiem, allura tkun operat ruhha l-usucapione favur dak il-possessur. Dawk pero` li jkunu qeghdin jippossjedu prekarjament, bhala uzufruttwarji jkun evidenti li huma qeghdin izommu l-haga ghan-nom ta' haddiehor u ghall-fini ta' dritt prekarju taghhom; ghalhekk, l-artikolu 1885 (illum 2121) jghid illi: 'No one can prescribe against his own title, in the sense that he cannot change in regard to himself the cause for which he holds the thing'.*" (Ara wkoll **Angelo Zerafa et vs Michelina Azzopardi**, PA, (81/07/JPG), deciza fis-7 ta' Novembru 2014).

Illi fil-kaz in ezami, qed jigi eccepit li r-rikorrenti naqset milli titlob il-prelegat imholli lilha mill-genituri taghha, permezz tat-testment datat 2 ta' Lulju 1983 esebit bhala DokCA8 a fol 43, fit-terminu ta' ghaxar snin, kif rikjest mil-ligi, b'hekk hawnhekk tidhol l-eccezzjoni *ai termini* tal-**artikolu 845 tal-Kap 16.**

**Trattazzjoni:**

Fit-trattazzjoni l-avukat difensur tal-intimati sostna li l-proceduri quddiem it-Tribunal ghall-Qsim tal-Wirt kienu gew ipprezentati fl-2000, mill-1988 mill-mewt tal-missier l-ghaxar snin kienu ghaddew izda mill-mewt ta' l-omm fl-1991 l-ghaxar snin ma kienux iddekorrew. Gie sottomess ukoll, li l-proceduri quddiem it-Tribunal ghall-Qsim tal-Wirt ma gewx rinunzjati izda mill-atti jirrizulta li spiccaw dezerti, konsegwentement qed jigi argumentat li l-interruzzjoni

ghall-preskrizzjoni fis-sena 2000 bil-ftuh tal-proceduri ma sehhitx abbazi **tal-artikolu 2132 tal-Kodici Civili.**

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li l-**artikolu 2132 tal-Kap 16** jiddisponi hekk:

**"2132(1)** *"Il-ksur tal-preskrizzjoni maghmul b'talba gudizzjarja jitqies bhallikieku ma sarx jekk l-attur jirrinunzja ghat-talba jew il-kawza tibqa' dezerta, jew jekk it-talba tigi michuda".*

L-istess avukat difensur tal-intimati ccita l-kaz **Canadian Enterprises Limited vs Emanuel Zammit** deciza fis-6 ta' Ottubru 2010, fejn l-istess sentenza tirreferi ghall-kaz **Joseph Darmanin pro et noe vs Carmelo Micallef** deciza fl-10 ta' Marzu 1953, fejn gie ribadit li "*bhala konsegwenza tal-premess, bid-dezerzjoni tal-gudizzju jiskomparixxi l-effett interruttiv tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni dedotta bil-gudizzju li gie perent; u ghalhekk, jekk meta tigi riproposta l-istanza tkun ghaddiet il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni, ma jistax jigi invokat kontra dik il-preskrizzjoni l-beneficcju ta' l-interruzzjoni ta' dik il-preskrizzjoni bil-prezentata tac-citazzjoni fil-gudizzju li gie perent".*

Min-naha l-ohra, l-avukat difensur tar-rikorrenti, fit-trattazzjoni sostniet li fit-testment *unica charta* tal-genituri tal-partijiet, kienu thallew diversi prelegati, fosthom il-prelegat tar-rikorrenti. Peress li jirrizulta li l-missier Carmelo Galea kien biddel it-testment u halla lil uliedu kollha eredi fi kwoti indaqs fl-1987 Dok CA5, kwindi l-akbar

sehem li qed titlob ir-rikorrenti mhuwiex provenjenti mill-wirt tal-missier izda mill-wirt ta' l-omm. Illi l-omm Teresa Galea mietet fis-16 ta' Mejju 1991 kif jirrizulta mic-certifikat tal-mewt taghha esebit Dok CA2, ghalhekk il-kawza ghall-Qsim tal-Wirt kienet giet ipprezentata *entro* l-ghaxar snin stipulati fl-artikolu 845 tal-Kap 16.

Referibbilment ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, gie sottomess, li dak sostnut mill-avukat tal-kontro-parti dwar l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, m'ghandux relevanza legali, ghaliex jirrizulta li min qed jeccepixxi l-preskrizzjoni kien diga accetta li kien hemm il-prelegati, kwindi rrinunzja ghall-preskrizzjoni fil-kaz Numru 3/2000 anness li kien diga gie pprezentat fit-Tribunal ghall-Qsim tal-Wirt. Din l-accettazzjoni saret billi kien sar verbal f'dawk il-proceduri kif verbalizzat mill-avukat difensur ta' l-intimati (Anne Attard, Antoinette Scicluna, u John Mary Galea) f'dawk il-proceduri Dr. Martin Fenech fejn gie rilevat li ma kienx hemm il-htiega li tigi pprezentatat risposta, li kienu jaqblu mat-talbiet kif dedotti u rrimettew ruhhom.

**Fattispecje tal-kaz in ezami:**

Illi fil-kaz odjern, jirrizulta li fl-2000 ir-Rikors Numru 3/2000 kien gie pprezentat quddiem it-Tribunal ghall-Qsim tal-Wirt mhux biss mir-rikorrenti, izda minn Victoria Muscat u minn Paul u Emanuel Galea. L-intimati f'dak il-kaz kienu Anne Attard, Anne Mary Scicluna u Joseph Galea. Victoria Muscat, li fil-kaz odjern hija wahda mill-intimati li qed

tissolleva din l-eccezzjoni kienet ipprezentat il-kaz Rikors Numru 3/2000 flimkien ma' Carmen Abela.

Din il-Qorti tibda biex tippreciza, li wara ezami akkurat tal-atti annessi f'Rik. Numru 3/2000, kif sewwa sottomess mill-avukat difensur tar-rikorrenti fit-trattazzjoni, il-verbal datat 16 ta' Lulju 2001 (fol 39-40 ta' dak il-process) ighid manifestament car, li:

*"Dr. Martin Fenech informa lit-Tribunal illi l-intimati ma hassewx il-htiega illi jipprezentaw risposta billi jaqblu mat-talba kif dedotta u jirrimettu ruhhom ghall-gudizzju."*

Illi fil-kaz odjern, meta Anne Attard u Anne Mary Scicluna, in kontro-ezami gew referuti ghal dan il-verbal, huma qalu li ma jiftakrux li kienu involuti f'kawza, u cahdu li kienu assistiti minn avukat. Certament, ix-xhieda taghhom hija kunfliggjenti ghal dak li jirrizulta fl-atti tal-kaz Nru 3/2000 u ma tirrispekkjax dak li gara f'dawk il-proceduri. Illi ma gietx ipprezentata risposta f'dak il-kaz mill-intimati u gie verbalizzat li jaqblu mat-talbiet kif dedotti, liema talba f'dak il-kaz kienet ghall-qsim tal-wirt bil-prelegati, skont it-testment datat 2 ta' Lulju 1983. Ghalhekk, ix-xhieda tal-intimati Anne Attard u Anne Mary Scicluna ma tistax titqies kredibbli meta rinfaccjati bi prova kuntrarja permezz tal-verbal datat 16 ta' Lulju 2001 f' rikors Numru 3/2000.

Jigi dedott, li l-argument sottolineat mill-intimati fit-trattazzjoni ma jregix fid-dawl tar-rizultanzi fil-kaz Rik. Nru. 3/2000. Illi huwa minnu li jirrizulta li dak il-kaz spicca

dezert, kif gie spjegat matul ix-xhieda u anke fit-trattazzjoni ghar-raguni li dak il-kaz ma tkompliex peress li kien hemm Emmanuel, hu l-partijiet, ghadu jirrisjedi fl-imsemmija dar formanti parti mill-wirt tal-genituri tal-kontendenti. Madankollu, minkejja d-dezerzjoni, jirrizulta li l-intimati f'dak il-kaz, li f'dawn il-proceduri qed jissollevaw l-eccezzjoni odjerna, kienu diga gharfu l-jedd tar-rikorrenti ghas-sehem taghha skont dak indikat fit-testment datat 2 ta' Lulju 1983. F'dan il-kuntest huwa relevanti hafna l-**artikolu 2133 tal-Kodici Civili** li jistipula:

*"Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja".*

Difatti, f'dan il-kaz japplika dan l-artikolu 2133 u mhux l-artikolu 2132 kif sottomess mill-intimati fit-trattazzjoni.

Inoltre`, applikati l-principji sucitati dwar il-preskrizzjoni taht l-**artikolu 845 tal-Kap 16**, jigi ritenut li din il-preskrizzjoni tibda tiddekorri biss mid-data li jittiehed pussess esklussiv.

Ghaldaqstant, kif ritenut ripetutivament fil-gurisprudenza, ladarba l-preskrizzjoni *ai termini* tal-**artikolu 845 tal-Kap 16**, hija preskrizzjoni akwizittiva, ghalhekk jehtieg li jigi ppruvat mhux biss id-dekorriment taz-zmien izda l-elementi stipulati **fl-artikolu 2107 tal-Kodici Civili**.[5]

---

[5]***2107.*** *(1) Il-preskrizzjoni hija mod ta' akkwist ta' jedd b'pussess kontinwu, mhux miksur, paċifiku, pubbliku, u mhux ekwivoku, għal żmien li tgħid il-liġi."*

F'dan is-sens huma relevanti l-kawzi citati mill-avukat difensur tar-rikorrenti fit-trattazzjoni f'dan ir-rigward. Fil-kaz **Alfred Cachia et vs Carmelo Cachia** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ottubru 2017 inghad:

*"Il-preskrizzjoni taht l-artikolu 845 titqies wahda akwizittiva u ghalhekk tehtieg mhux biss il-moghdija ta' zmien izda wkoll il-pussess, bil-kwalitajiet kollha li jrid l-artikolu 2107(1) tal-Kodici Civili – fosthom li jkun "mhux ekwivoku" – f'idejn dak li jressaq l-eccezzjoni. Fil-kaz tal-lum, izda l-pussess tal-konvenut huwa ekwivoku, ghax huwa pussess ta' komproprjetarju u ghalhekk mhux inkompatibbli mal-komproprjeta` tas-sidien l-ohra. Ghalhekk billi jonqos wiehed mill-elementi mehtiega l-eccezzjoni ma tistax tintlaqa'."*

Bl-istess mod, fil-kaz in ezami, ma gewx ippruvati l-elementi tal-pussess kif rikjest u huwa karenti wkoll l-element ta' inekwivocita`.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li ghar-ragunijiet diga spegati, ma gewx ippruvati l-elementi rikjesti li huma mehtiega ghal din il-preskrizzjoni akwizittiva.

Ghaldaqstant tichad l-ewwel eccezzjoni sollevata fit-termini tal-**artikolu 845 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimati Paul Galea, Anne Attard, Antoinette Scicluna, Victoria Muscat u John Mary sive Jimmy Galea, u tordna l-prosegwiment tal-kaz fuq il-mertu.

**L-ispejjez jigu determinati mas-sentenza finali.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta' Ottubru 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Ottubru 2018**